IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2017
SWD(2017) 382 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../..

li jistabbilixxi Linja Gwida dwar l-Ibbilanċjar tal-Elettriku

{C(2017) 7774 final} - {SWD(2017) 383 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi Linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għalfejn? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Il-mekkaniżmi tal-ibbilanċjar mhumiex biss kwistjoni teknika li tiżgura l-istabbiltà tas-sistema iżda għandhom ukoll implikazzjonijiet kummerċjali sinifikanti u b'hekk implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni. Meta t-TSOs jintervjenu biex jibbilanċjaw id-domanda u l-provvista, kemm-il darba jħabbtu wiċċhom ma' **nuqqas ta' kompetizzjoni għas-servizzi tal-ibbilanċjar** għax ftit jeżistu forniturі disponibbli li jiggarantixxu l-ibbilanċjar. In-nuqqas ta' kompetizzjoni jirriżulta mill-mod kif jiġu ffissati l-prezzijiet tal-enerġija tal-ibbilanċjar u n-nuqqas ta' użu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transfruntiera (jiġifieri swieq tal-ibbilanċjar nazzjonali frammentati). Sal-lum, jeżistu differenzi kbar fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa, u ma jeżistux regoli effiċjenti li jippermettu l-użu effiċjenti tal-kapaċità għat-trażmissjoni transfruntiera tal-kapaċità. Il-metodi attwali li jintużaw għall-attivazzjoni tal-enerġija tal-ibbilanċjar ma jisfruttawx għalkollox il-potenzjal tal-grilja u hemm kapaċitajiet disponibbli li għadhom mhumiex qed jintużaw. Il-prezzijiet attwali tal-enerġija tal-ibbilanċjar mhux dejjem jirriflettu l-iskarsezza u mhux dejjem jippremjaw il-flessibbiltà.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Minħabba ammonti dejjem akbar ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari mir-riħ u bidliet oħra sabiex tinkiseb ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, hemm bżonn li s-sistema tal-elettriku tkun tista' tintegra sorsi tal-produzzjoni aktar volatili u aktar distribwiti. L-att ta' implimentazzjoni propost huwa mistenni **jħares il-bilanċ bejn il-provvista tal-elettriku u d-domanda għalih bl-inqas kost possibbli għall-konsumaturi** biex b'hekk titlesta l-integrazzjoni tas-suq intern tal-elettriku.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-miżuri proposti se jindirizzaw l-użu ineffiċjenti tan-netwerk Ewropew tat-trażmissjoni tal-elettriku billi jtejbu l-koordinazzjoni, l-armonizzazzjoni u t-trasparenza tas-swieq tal-ibbilanċjar, **iżidu kemm jista' jkun l-użu tal-kapaċità tat-trażmissjoni transfruntiera disponibbli** għall-finijiet tal-ibbilanċjar u fl-istess ħin itejbu s-sigurtà tas-sistema u l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku biex **jippromwovu l-kompetizzjoni** Barra minn hekk, se jinkiseb livell minimu ta' armonizzazzjoni sabiex ttlesta l-integrazzjoni tas-suq intern fl-elettriku filwaqt li l-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq titħalla f'idejn it-TSOs u l-NRAs.

B. Soluzzjonijiet

Liema kienu l-għażliet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-politika li tqiesu? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

Il-funzjonament tas-swieq tal-ibbilanċjar jista' jittejjeb billi jiġu indirizzati l-kawżi għan-nuqqas ta' kompetizzjoni fejn jidħlu s-servizzi tal-ibbilanċjar, billi:

- tiġi armonizzata l-metodoloġija tal-ipprezzar għall-enerġija tal-ibbilanċjar; kif ukoll
- tintuża l-kapaċità tat-trażmissjoni transfruntiera għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar.

Għal dan l-għan, qed jitqiesu l-għażliet ta' politika li ġejjin:

- **Xenarju bażi: l-ebda azzjoni ulterjuri mill-UE**
- **Għażla Nru 1: tiġi armonizzata l-metodoloġija tal-ipprezzar għall-enerġija tal-ibbilanċjar;**
  - **Għażla nru 1.A:** il-metodoloġija "pay-as-cleared"
  - **Għażla nru 1.B:** il-metodoloġija "pay-as-bid"
- **Għażla Nru 2: tintuża l-kapaċità tat-trażmissjoni transfruntiera għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar.**
  - **Għażla nru 2.A:** skambji transfruntiera *biss*
  - **Għażla nru 2.B:** skambji transfruntiera *u* nazzjonali
  - **Għażla 2.C (skartata):** l-infurzar ta' entitajiet regolati reġjonali biex jitwettqu l-kompiti tal-operaturi tal-ibbilanċjar supranazzjonali.

Il-valutazzjoni wriet li l-Għażla 1.A hija prerekwiżit għall-operazzjonalizzazzjoni ta' kwalunkwe waħda mis-Sub-Għażliet f'2 u li għalhekk, l-Għażla 1.A u s-Sub-Għażliet f'2 jikkumplimentaw lil xulxin. Minkejja li l-Għażla 2.C mistennija ġġib l-akbar benefiċċji, bħalissa m'hemm l-ebda bażi ġuridika fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija li tappoġġaha u għalhekk ġie deċiż li din l-Għażla titwarrab.

Il-valutazzjoni wriet li l-**Għażla 2.B flimkien ma' Għażla 1.A** hija l-aħjar għażla biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proposta. Din il-preferenza tassumi metodoloġija "pay-as-cleared", jiġifieri tal-ipprezzar marġinali, għall-ibbilanċjar tal-enerġija, jiġifieri standardizzazzjoni ta' prodotti tal-ibbilanċjar u l-istabbiliment ta' pjattaformi tal-ibbilanċjar mal-Ewropa kollha biex teħfief il-koordinazzjoni tal-proċessi operazzjonali bejn l-operaturi tas-sistemi

tat-trażmissjoni. Din il-koordinazzjoni xorta tiddependi fuq il-kunċett tar-responsabbiltajiet lokali fi ħdan żoni tal-ibbilanċjar individwali, li jikkonsistu f'żona ta' kontroll waħda jew aktar iżda li mhux bilfors ikunu jkopru aktar minn Stat Membru wieħed. B'hekk, l-approċċ huwa kompatibbli mal-prinċipji attwali tas-sigurtà operazzjonali.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati huma favur l-implimentazzjoni ta' metodoloġija "pay-as-cleared" flimkien ma' regolament vinkolanti dwar l-iskambji transfruntieri u nazzjonali għall-enerġija tal-ibbilanċjar. F'Marzu 2016, il-Forum ta' Firenze enfasizza l-importanza li suq intern tal-enerġija integrat sew u li jiffunzjona sew jeħtieġ swieq tal-ibbilanċjar, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twassal ir-Regolament li jistabbilixxi Linja Gwida dwar l-Ibbilanċjar tal-Elettriku lill-Istati Membri.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma l-benefiċċji prinċipali)?

L-Għażla 2.B flimkien mal-Għażla 1.A tista' toħloq **benefiċċji soċjali sinifikanti** b'użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura Ewropea tat-trażmissjoni tal-elettriku, u twassal għal aktar likwidità u aktar kompetizzjoni. Il-miżuri proposti se jgħinu biex l-investimenti fil-ġenerazzjoni jgħaddu għal postijiet fejn ikunu l-aktar effiċjenti u biex jonqos il-bżonn li jsir investiment f'estensjoni tal-grilja jew f'kapaċitajiet ta' riżerva għall-enerġiji intermittenti.

Fl-Għażla 2.B, it-TSOs mhux biss jitħallew jinnettjaw l-iżbilanċi tagħhom, iżda anki jiskambjaw il-prodotti standard tal-ibbilanċjar. L-iskambju tal-prodotti standard tal-ibbilanċjar iwassal għal użu aktar kosteffiċjenti tar-riżorsi: l-unitajiet disponibbli l-aktar għaljin jintużaw għar-regolazzjoni 'l isfel, filwaqt li l-orħos jipprovdu regolazzjoni 'l fuq. L-effetti kkombinati tan-nettjar tal-iżbilanċi u l-iskambju transfruntier tal-enerġija tal-ibbilanċjar iwasslu biex jiġu ffrankati **madwar EUR 479 miljun** fis-sena meta mqabbel max-xenarju bażi. L-Għażla 2.C biss kapaċi tilħaq kważi dawn il-benefiċċji kollha, filwaqt li l-Għażla 2.A ma tagħtix riżultati daqshekk pożittivi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Il-kostijiet totali tal-Għażla 2.B flimkien mal-Għażla 1.A huma assoċjati ma' żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel sett ta' kostijiet huwa marbut mal-iżvilupp ta' kontrollur tekniku komuni kif ukoll proċess tal-issetiljar u sistema għan-nettjar tal-iżbilanċi. It-tieni sett ta' kostijiet huwa marbut mal-istabbiliment ta' pjattaformi tal-ibbilanċjar madwar l-Ewropa kollha, inklużi dispożizzjonijiet għall-proċess u l-algoritmu tal-ikklerjar, kif ukoll il-hosting, il-manutenzjoni u l-appoġġ. Il-kostijiet tal-Għażla 2.B huma bejn **EUR 76.1 u 96.4 miljun** ta' kostijiet tal-iżvilupp u bejn **EUR 1.8 u 4.6 miljun** bħala kostijiet annwali operazzjonali addizzjonali. Potenzjalment jista' jkun hemm kostijiet addizzjonali għall-partijiet ikkonċernati permezz tal-bidla ta' ċerti proċeduri tal-ibbilanċjar fis-sistema l-ġdida, iżda wkoll iffrankar tal-kostijiet għax ikun hemm aktar prodotti u servizzi armonizzati madwar l-Ewropa kollha.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Ir-Regolament se jiffaċilita l-parteċipazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u r-rispons tad-domanda fis-swieq tal-ibbilanċjar. Dan mistenni jagħti spinta lill-kompetittività futura tal-forniturі tat-teknoloġija tal-UE bħalma huma l-industrija tal-inġinerija elettrika u elettronika, li tikkonsisti l-iktar f'SMEs.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-koordinazzjoni fost it-TSOs, permezz tal-ħolqien ta' regoli aktar trasparenti u armonizzati. Dan huwa mistenni jnaqqas u jissimplifika l-parteċipazzjoni fis-suq tal-ibbilanċjar.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ma nistennewx impatti sinifikanti oħra.

Il-proporzjonalità?

L-Għażla 2.B flimkien mal-Għażla 1.A issib bilanċ bejn it-titjib tal-kompetittività, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-swieq tal-elettriku, tippermetti t-tranżizzjoni lejn produzzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li tħeġġeġ il-koperazzjoni Ewropea u tħalli lok għall-implimentazzjoni nazzjonali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ir-Regolament fih dispożizzjonijiet speċifiċi għall-monitoraġġ tas-suċċess tal-miżuri proposti. Abbażi ta' dan il-monitoraġġ u fid-dawl tal-iżviluppi ulterjuri tas-swieq tal-elettriku u l-istabbiliment ta' pjattaformi tal-ibbilanċjar mifruxa mal-Ewropa kollha, fil-ġejjieni l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda r-Regolament propost. Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 jipprevedi dritt espliċitu għall-partijiet interessati biex jipproponu emendi.